# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 5**

**Rikors Maħluf Numru 789/2022 NC**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs.**

**Alan Harmsworth u Josephine Harmsworth**

Illum l-10 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-bank attur HSBC Bank Malta plc (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2022 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-intimati huma debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Euro 62,406.92, u ċioe' Euro 56,370.52 in kwantu kapital u Euro 6,036.40 bħala imgħax ikkalkulat sat-22 ta' Awissu 2022 liema ammont huwa dovut mill-intimati wara li l-attriċi sellfet lilhom is-somma ta' Eur80,000 tramite faċilita' ta' Maxicredit li*

*ġiet konċessa permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph H. Saydon datat 30 ta' Awissu 2010 wara l-ħruġ ta' Sanction Letter datata l-24 ta' Marzu 2010;*

*2. Illi l-intimati naqsu milli jagħmlu dawk il-pagamenti mensili kif stipulati a tenur l-istess Sanction Letter, b'dan illi ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien;*

*3. Illi għalkemm interpellati sabiex iħallas l-ammont dovut, anki permezz ta' ittra uffiċjali (bin-numru 2595/21) il-intimati baqgħu ma ħallsux.*

*Għaldaqstant s-soċjeta' attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni:*

*1. Tiddikjara li l-konvenuti m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk huwa ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien;*

*2. Tiddikjara li l-istess konvenuti huwa debituri solidali tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' Euro 62,406.92 (tnejn u sittin elf erba' mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu) oltre l-imgħax legali ulterjuri ta' 8% fis-sena mit-23 ta' Awissu 2022 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat;*

*3. Tikkundanna l-istess konvenuti jħallsu, solidalment bejniethom, is-somma ta' Euro 62,406.92 (tnejn u sittin elf, erba' mija u sitt Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu) oltre l-imgħax legali ulterjuri ta' 8% mit-23 ta' Awissu 2022 sad-data tal-pagament finali.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ufficjali datat 2595/21 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment kontra l-intimati li huma minn issa nġjunti għas-subizzjoni.*

*Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 25) tat-12 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tallum, f'liema digriet il-konvenuti ġew mogħtija għoxrin (20) jum żmien min-notifika tar-Rikors Maħluf biex iressqu r-Risposta Maħlufa tagħhom.

Rat illi l-konvenuti Harmsworth ġew notifikati b'dawn il-proċeduri fil-5 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 26 *tergo*).

Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2022 il-konvenuti Alan u Josephine Harmsworth ippreżentaw Nota (*a fol.* 29) fejn fiha ammettew din il-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna tirrigwarda radd lura ta' flus mogħtija mill-bank attur lill-konvenuti u ċioe' €56,370.52 bħala kapital u €6,036.40 bħala imgħax ikkalkulat sat-22 ta' Awwissu 2022, b'dan illi l-ammont komplessiv ta' kapital u imgħax ikun dak ta' tnejn u sittin elf, erba' mija u sitt Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€62,406.92).

Illi ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni tal-konvenuti Alan u Josephine Harmsworth fejn fiha huma ammettew din il-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** (Numru 17/2010) deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara

> **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et** (Numru 3/2013), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' ammissjoni ppreżentata mill-konvenuti Harmsworth, permezz ta' liema Nota ddikjaraw li kienu qed jammettu l-kawża, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenuti fir-rigward ta' dak mitlub u dedott mill-bank attur, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank attur. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** (Numru 688/2021) meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel (1) talba tal-bank attur u tiddikjara li l-konvenuti Alan Harmsworth u Josephine Harmsworth

m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk huwa ddekadaw mill-benefiċċju taż-żmien;

(2) Tilqa' t-tieni (2) talba u tiddikjara li l-konvenuti Alan Harmsworth u Josephine Harmsworth huma debituri solidali tal-bank attur fis-somma komplessiva ta' tnejn u sittin elf, erba' mija u sitt Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€62,406.92) *oltre* l-imgħax legali ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-23 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament finali, liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat;

(3) Tilqa' t-tielet (3) talba u tikkundanna lill-istess konvenuti Alan Harmsworth u Josephine Harmsworth iħallsu solidalment bejniethom lill-bank attur is-somma ta' tnejn u sittin elf, erba' mija u sitt Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€62,406.92) *oltre* l-imgħax legali ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament finali.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-bank attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti Alan Harmsworth u Josephine Harmsworth solidalment.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**